# FIL-QORTI ĊIVILI
# SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, it-Tnejn, 27 ta' Mejju, 2024.

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 47/2022 ISB**

**Usta Holdings Inc (kumpanija Liberjana b'numru ta' reġistrazzjoni C-110615) hawn rappreżentata minn l-avukat Nicolai Vella Falzon (K.I.nru 114474 M) bħala mandatarju speċjali**

**vs**

**Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tas-soċjetà rikorrenti **Usta Holdings Inc**, ippreżentat fis-27 ta' April 2022, li permezz tiegħu hija talbet lill-Qorti sabiex:-

1. *tordna u tagħrraf lir-Reġistratur tal-Kumpaniji biex l-isem tas-soċjetà Usta Maritime Co. Ltd, bin-numru ta' reġistrazzjoni C 43902, jerġa' jiġi restitwit fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji sabiex b'hekk, l-istess soċjetà tkun tista' tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha, u finalment titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha qatt ma ġie imħassar; u*

2. *tordna lir-Reġistratur tal-Kumpaniji biex jagħmel dawk il-pubblikazzjonijiet u l-affarijiet l-oħra kollha hekk kif meħtieġa ai termini tal-Ligijiet applikabbli għar-restituzzjoni tal-isem tas-soċjetà Usta Maritime Co. Ltd fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji*

U dan wara li ppremettiet:

1. *Illi l-isem tas-soċjetà Usta Maritime Co. Ltd bin-numru ta' reġistrazzjoni C 43902 kienet ġiet mħassra minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fl-10 ta' Diċembru 2020 permezz ta' ordni mogħti mir-Reġistratur tal-Kumpaniji ntimat ai termini tal-Artikolu 9(3) tal-Liġi Sussidjarja 386.19 ossia Companies Act (Register of Beneficial Owners Regulations), hekk kif ġie kkonfermat permezz tal-avviż ppublikat fuq is-sit tal-Malta Business Registry hawn anness bħala '**Dok UM 1**'.*

2. *Illi r-rikorrenti hija l-uniku azzjonista tas-soċjetà Usta Maritime Co. Ltd u dan kif jidher mill- estratt mibgħut mill-Malta Business Registry li jiddentifika l-membru tas-soċjetà Usta Maritime Co. Ltd, hawn anness bħala '**Dok UM 2**'.*

3. *Illi s-soċjetà Usta Maritime Co. Ltd kienet ġiet inkorporata f'Malta fl-1 ta' April 2008 bħala shipping company bil-għan li tipposjedi bastiment li huwa reġistrat Malta ai termini tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili (Kap. 234 tal-Liġijiet ta' Malta), ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-kumpanija hawn anness bħala '**Dok UM 3**'.*

4. *Illi fid-data tat-tħassir tal-isem tal-imsemmija soċjetà mir-Reġistru tal-Kumpaniji, hija kienet għadha proprjetarja ta' bastiment Malti ossia l-yacht bl-isem m.y. BEY u bin-numru ta'*

*reġistrazzjoni 11767 u dan kif jidher minn kopja taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni hawn anness bħala '**Dok UM 4**', liema bastiment għandu valur stmat ta' ċirka tmien mija u għoxrin elf Euro (€820,000).*

5. *Illi di fatti, r-reġistrazzjoni tal-imsemmi bastiment kienet ġiet imġedda sat-22 ta' Frar 2022.*

6. *Illi għalkemm huwa minnu li l-imsemmija soċjetà naqset milli taderixxi mal-obbligi tagħha ai termini tal-Liġi Sussidjarja 386.19 sopraċitata, r-rikorrenti umilment itenni li dan in-nuqqas amministrattiv ma kienx sar intenzjonalment jew in mala fede iżda kien kawża ta' aljenazzjoni wara miskomunikazzjoni li kellu l-esponent mal-provdituri ta' servizzi korporattivi li kienu jiġġestixxu l-affarijiet tal-imsemmija soċjetà f'Malta.*

7. *Illi r-rikorrenti għandha kull interess illi l-istess soċjetà terġa titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji, u dan minħabba l-fatt li l-għan aħħari tal-istess soċjetà kienet li tiddetjeni u tamministra l-bastiment inkwistjoni u peress li l-istess soċjetà u l-membru tagħha jistgħu jsofru telf finanzjarju inġenti f'każ li dan il-bastiment, li għandu valur sostanzjali, jiddevolvi f`idejn il-Gvern ta` Malta kif inhu stabbilit f'Artikolu 9(3) tal-Liġi Sussidjarja 386.19 sopraċitata.*

8. *Illi għalhekk l-esponenti timpenja ruħha li tieħu kull azzjoni meħtieġa sabiex tiġi rregolarizzata l-pożizzjoni tal-imsemmija soċjetà, tant li diġa għamlet kuntatt kemm mal-provdituri tas-servizzi korporattivi tas-soċjetà, kif ukoll mar-Reġistratur intimat u ma' l-awtoritajiet kompetenti l-oħra sabiex tottjeni rendikont ta' kwalsijasi pendenzi u dokumentazzjoni meħtieġa għal fini ta' regolarizzazzjoni tas-soċjetà f'każ li din il-Qorti taċċedi għat-talba tar-rikorrenti biex l-isem tal-imsemmija soċjetà jerġa jidħol fir-reġistru.*

Rat **id-dokumenti** ppreżentati mar-rikors (fol 5 sa fol 10).

Rat **id-digriet** tagħha tas-16 ta' Mejju 2022 li bih ir-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tas-6 ta' Lulju 2022 fid-9:30 a.m.

Rat illi fis-17 ta' Diċembru 2021, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimat ippreżenta **r-risposta** tiegħu (fol 14) bid-dokumenti hemmhekk annessi, li permezz tagħha, huwa sostna:

> *Illi r-rikorrenti hija l-unika azzjonista tal-kumpanija Usta Maritime Co Ltd. (C 43902) ("il-Kumpanija") li ġiet irreġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru") fl- 1 ta' April 2008;*
>
> *Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat xi prospetti annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji;*
>
> *Illi apparti dan, il-kumpanija in kwistjoni, naqset ukoll mill-obbligi tagħha mposti mill-Avviż Legali 247 tal-2020 u għaldaqstant baqgħet qatt ma daħħlet l-informazzjoni meħtieġa mar-Reġistratur tal-Kumpaniji dwar is-sidien benefiċċjarji;*
>
> *Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur proċediet sabiex kitbet lill-kumpanija u l-uffiċjali tagħha sabiex tavża illi l-isem tal-kumpanija kien ser jiġi mħassar minn fuq il-Reġistru kemm il-darba ma tiġix sottomessa l-informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjarji;*
>
> *Illi r-Reġistratur bagħtet avviż permezz ta' ittra lill-kumpanija (annessa u mmarkata bħala Dok.* ***'A'*** *l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur) fuq l-indirizz reġistrat tagħha Usta Maritime Co. Ltd., 198, Old Bakery Street, Valletta, VLT 1455, Malta, datata is-27 ta' Lulju 2020;*
>
> *Illi fl-10 ta' Settembru 2020, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*
>
> *Illi f'din l-ittra l-kumpanija ġiet infurmata illi la darba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha skont ir-Regolament 9 tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations, f'każ li ma tweġibx l-ittra fi żmien xahar, u tweġiba għall-avviż fi zmien tliet xhur, ir-Reġistratur kienet se tkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija;*
>
> *Illi fil-frattemp ir-Reġistratur qatt ma rċeviet l-ebda tip ta' risposta jew dokumenti pendenti mingħand il-kumpanija u għaldaqstant fl-10 ta' Diċembru 2020, li jaħbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponent ħareġ avviż fuq website*

*miżmuma minnu fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi għalkemm ir-rikors qiegħed isir fiż-żmien il-ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir u għalhekk għadu fiż-żmien stipulat mil-liġi, ir-Reġistratur tixtieq tiġi mogħtija raġuni valida dwar it-talba tar-rikorrenti li tali kumpanija għandha terġa' titpoġġa fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji;*

*Illi jidher biċ-ċar illi l-uffiċjali tal-kumpanija qatt ma kellhom interess li jimxu b'konformita' mal-liġi dwar il-kumpaniji u infatti naqsu milli jirreġistraw dokumenti mandatorji, inkluż ukoll l-informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjarji mar-Reġistratur għal numru twal ta' snin, minkejja diversi notifiki li kienu jintbagħtu lilhom;*

*Illi l-kumpannija injorat ukoll il-multi illi jfakkruha f'tali nuqqas u qatt ma affettwat il-pagamenti tal-multi. Illi l-pagamenti pendenti fuq nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' prospetti annwali jammontaw għal* ***EUR 300*** *u filwaqt li l-penali fuq nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' dawn il-prospetti u kif ukoll tal-informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjarji jammontaw għal* ***EUR 6,713.50****; biex b'hekk l-ammont dovut a kreditu tar-Reġistratur jammonta għal total ta'* ***EUR 7,013.50****;*

*Illi filwaqt illi r-Reġistratur tixtieq illi jekk il-kumpanija terġa titpoġġa fuq ir-Reġistru, tali kumpanija taġġorna d-dokumentazzjoni meħtieġa (inkluż l-informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjarji u l-prospetti annwali nieqsa) u dan ukoll sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi tat-terzi persuni, ir-Reġistratur qiegħda umilment tissolleva illi qiegħda tħalli f'idejn dina l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jiġu magħrufin il-passi illi għandhom jittieħdu min-naħa tagħha sabiex il-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni tiġi rettifikata.*

*Illi għaldaqstant hija lesta li toqgħod għal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkustanzi partikulari ta' dan il-każ.*

Rat illi fl-udjenza tat-2 ta' Diċembru 2022, dehru l-Avukati Nikol Caruana u Maria Debono għas-soċjetà rikorrenti u dehret l-Avukat Claudette Fenech għar-Reġistratur tal-Kumpaniji.

Rat ukoll illi fl-udjenza tat-2 ta' Diċembru 2022, is-soċjetà rikorrenti ppreżentat nota (fol 33) b'żewġ affidavits (fol 34 sa fol 46).

Rat il-verbal tal-udjenza tal-1 ta' Marzu 2024, minn fejn jirriżulta illi d-difensur tar-Reġistratur intimat infurmat lill-Qorti illi d-dokumentazzjoni illi kienet sottomessa mis-soċjetà rikorrenti kienet tissodisfa lir-Reġistratur intimat, u għalhekk bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għal-lum għall-provvediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrenti *ai termini* tar-**Regolament 9(4) tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations,* Leġislazzjoni Sussidjarja 386.19**, u li permezz tagħha, is-soċjetà rikorrenti, li hija azzjonista tal-kumpanija **Usta Maritime Co. Ltd (C 43902)**, qed titlob ir-rivavviment tal-istess kumpanija, liema kumpanija tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fl-10 ta' Diċembru 2020.

Illi, f'dan il-kuntest, is-soċjetà rikorrenti għandha kull interess illi l-istess kumpanija terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji u dana stante li l-kumpanija għandha bastiment f'isimha li jekk kemm-il darba ma tiġix ravvivata ser jgħaddi għand il-Gvern ta' Malta.

Illi s-soċjetà rikorrenti ddikjarat mill-bidu illi hija kienet lesta li tieħu kull azzjoni meħtieġa sabiex tiġi regolarizzata l-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni Usta Maritime Co. Ltd.

Fl-affidavit tagħha, **Esra Karahasan** tgħid li hija d-direttriċi u r-rappreżentant legali u ġudizzjarju ta' Usta Holdings Inc, kumpanija inkorporata fir-Repubblika tal-Liberja, liema kumpanija hija l-unika azzjonista tal-kumpanija *de quo*.

Tispjega li l-kumpanija Usta Holdings Inc kif ukoll il-kumpanija *de quo* kienu inkorporati minn Fenlex Corporate Services fl-2007 u l-2008, rispettivament bl-għan li jkollhom u joperaw il-*yacht* bl-isem *m.y. BEY* li hu *yacht* privat li ma joperax kummerċjalment. Tgħid li dan kien l-unika ass tal-kumpanija li l-għan esklussiv tagħha kien l-operat tal-istess.

Tgħid li hi saret taf li l-kumpanija *de quo* ġiet imħassra mir-Reġistru tal-Kumpaniji minħabba li ma ġewx sottomessi d-dokumenti rigward is-sidien benefiċjarji tal-istess kumpanija, kif ukoll li ma ġewx sottomessi l-kontijiet annwali mis-sena 2018 'il quddiem. Tispjega li dan kien minħabba ommissjoni ġenwina u nuqqas ta' komunikazzjoni minħabba diżgwid li seħħ bejn is-sena 2017 u 2018 bejn il-*corporate service providers* Maltin u l-kumpanija rikorrenti fejn il-kumpanija sabet ruħha mingħajr rappreżentanza lokali u għalhekk naqset mill-obbligi tagħha. Tgħid li saret taf li la darba l-kumpanija ġiet imneħħija mir-reġistru l-assi jgħaddu f'idejn il-Gvern ta' Malta u ssostni li dak ikun ta' preġudizzju kbir għall-kumpanija rikorrenti.

Tikkonferma li l-kumpanija *de quo* m'għandha l-ebda operat attiv jew negozju u għalhekk l-amministrazzjoni tagħha hija limitata għat-tiġdid ta' liċenzji, sottomissjonijiet annwali u pagamenti ta' liċenzji u taxxi lill-awtoritajiet Maltin. Issostni li l-kumpanija dejjem qdiet l-obbligi tagħha u dak li ġara riċentament ma kienx riżultat ta' *mala-fede*, nuqqas ta' interess jew dis-rispett lejn l-awtoritajiet Maltin iżda riżultat ta' żball.

Tikkontendi li s-soċjetà rikorrenti ser tagħmel dak kollu li tista' sabiex il-pożizzjoni tal-kumpanija *de quo* tiġi regolarizzata u huwa għalhekk li saret din il-kawża.

Fl-affidavit tiegħu, **Murat Karahasan** jgħid li hu kien involut fl-inkorporazzjoni tal-kumpanija *de quo* lura fl-2008 u baqa' involut sakemm din ġiet imħassra mir-Reġistru. Jikkonferma dak kollu li ntqal fl-affidavit ta' Esra Karahasan.

## Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi l-intimat Reġistratur jgħid illi l-kumpanija msemmija kienet naqset mill-obbligi tagħha mar-Reġistratur, li tibgħat informazzjoni dwar is-sidien benefiċjarji tagħha *ai termini* tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations*.

Illi għalhekk kellu kull raġuni valida fil-liġi biex jikkanċella l-kumpanija u għadda mill-proċeduri kollha li trid il-liġi biex sar dan u kienu akkumulaw *registration fees* u penali kif indikat fir-risposta.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi r-**Regolament 9 (4) tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners ) Regulations***[1] , Leġislazzjoni Sussidjarja 386.19 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid is-segwenti:

> *(4) If any member or creditor of the company, or any other person who appears to the Court to have an interest feels aggrieved by the fact that the name of the company has been struck off the register by virtue of the provisions of this regulation, the Court on an application made by the member or creditor or such other person before the expiration of five years from the publication of the notice of the striking off provided for in sub-regulations (2) and (3) may, if satisfied that it is proper that the name of the company be restored to the register, order that such name be restored to the register, and up on an official copy of the order being delivered by the Registrar of the Courts to the Registrar for registration, the company shall be deemed to have continued in existence as if its name had not been struck off; and the Court may by its order give such directions and make such provisions as seem fit for placing the company and all other persons in the same position as nearly as may be as if the name of the company had not been struck off. The Registrar shall forthwith proceed to publish a notice in the Gazette or on a website maintained by the Registrar and in a daily newspaper circulating wholly or mainly in Malta that the name of the company has been restored to the register.*

[1] Ippublikat bl-Ingliż biss

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bżonn biex kumpanija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji terġa' ssib postha fuqu *ai termini* tas-Sub-Artiklu appena ċitat.

M'hemmx dubju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta l-kumpanija **Usta Maritime Co. Ltd (C 43902)** ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Id-dokumenti ppreżentati jitkellmu waħedhom u ma jirriżultax lanqas kontestazzjoni dwar il-fatti li rriżultaw.

Il-Qorti però, kif tagħmel dejjem f'ċirkostanzi bħal dawn u qabel ma tgħaddi għall-provvediment, tqis id-disponibilità li kellu r-rikorrent illi jirregolarizza l-affarijiet tal-kumpanija mar-Reġistratur intimata. F'dan il-każ, is-soċjetà rikorrenti żammet kelmitha u l-promessa magħmula mill-istess soċjetà rikorrenti inżammet, tant illi l-Qorti ġiet mgħarrfa illi l-pendenzi kollha fir-rigward tal-Regolament 9 (4) tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations* kienu ġew regolarizzati.

Bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet għalhekk, il-Qorti ġiet mistiedna tgħaddi għall-provvediment.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq ikkunsidrat, il-Qorti qed tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, <u>tordna</u> lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex, *ai termini* tar-Regolament 9(4) tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations,* liġi sussidjarja 386.19, fi żmien ħmistax-il jum, terġa' ddaħħal l-isem ta' **Usta Maritime Co. Ltd (C 43902)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** <u>tordna</u> lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex twettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha meħtieġa *ai termini* tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpanija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpaniji.

3. **Fit-tielet lok**, <u>tordna</u>, illi l-isem ta' **Usta Maritime Co. Ltd (C 43902)** jitpoġġa lura fuq tali Reġistru tal-Kumpanniji.

4. **Fir-raba' lok**, <u>tordna</u> illi l-ispejjeż ta' din il-proċedura u kif ukoll kwalsiasi spejjeż illi tista' tinkorri r-Reġistratur intimat sabiex tirrestitwixxi isem il-kumpanija **Usta Maritime Co. Ltd (C 43902)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji jkunu a karigu tas-soċjetà rikorrenti.

| | |
|---|---|
| **Onor. Ian Spiteri Bailey** | **Amanda Cassar** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |